**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-07 ta' Novembru, 2019**

**Talba Numru: 334/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 25**

**Argus Insurance Agencies Limited et**

**'La Concorde'**

**Abate Rigord Street,**

**Ta' Xbiex**

**Vs**

**Sindku u Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali**

**San Pawl il-Bahar,**

**Triq San Pawl,**

**San Pawl il-Bahar**

**U**

**Dimbros Limited**

**Triq Dun Salv Ciappara,**

**Zebbug**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici noe fis-27 ta' Awwissu, 2017 li permezz tieghu talbet minghand il-konvenuti noe l-hlas tas-somma ta' elfejn hames mija sitta u

disghin ewro (€2,596) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' hamsa u hamsin ewro (€550) l-excess payment li David Cilia hallas in konnessjoni ma' dan l-incident u in kwantu ghas-somma ta' elfejn hames mija u wiehed u erbghin ewro (€2,541) d-danni kollha sofferti bhala rizultat tal-incident tat-08 ta' Lulju, 2014 li sehh fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar ghal habta tal-ghaxra ta' bil-lejl fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBE 824 proprjeta' tal-attur David Cilia minhabba n-nuqqas da parti tal-konvenuti jew min minnhom li jassiguraw li jkun hemm senjaletika adegwata li tindika li kienu qeghdin isiru xogholijiet ta' manutenzjoni fl-istess triq.

Ra r-risposta tal-Kunsill konvenut li permezz taghha eccepixxa li l-Kunsill mhux responsabbli ghall-imsemmi incident u tali incident hija biss dik tal-kuntrattur konvenut li ictu oculi naqas milli jezegwixxi x-xogholijiet skont ir-regolamenti relevanti. Li l-kuntrattur konvenut ghandu jikkumpensa lill-attrici ai termini tal-principji generali tal-ligi u tar-regolament 12 regolament tal-2010 dwar Toroq Godda u Xogholijiet f' toroq li jghid li "kuntrattur li jkun qieghed jaghmel xoghol fi triq ghandu jikkumpensa lil partijiet terzi ghal xi hsarat jew telf li t-terzi partijiet jistghu jsofru kawza tax-xogholijiet li jkunu qeghdin isiru fit-triq.."

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta Dimbros Limited li permezz taghha eccepiet li t-talba tas-socjeta' attrici hija monka u nulla stante li t-talba hija nieqsa mill-fatti tal-kaz sabiex s-socjeta' esponenti tkun taf sew x'inhi l-istess talba fejn is-socjeta' esponenti inter alia ma nghatat ebda nformazzjoni dwar min hu Chris Cilia u dwar il-vettura JBE 824 u ma nghatat ebda nformazzjoni specifika dwar l-allegati xogholijiet ta' manutenzjoni li qeghda tirreferi ghalihom s-socjeta' attrici fejn is-socjeta' esponenti lanqas taf fejn ezattament kienu qeghdin isiru dawn l-allegat xogholijiet u/jew jekk kienetx l-istess socjeta' esponenti li kienet qeghda taghmel l-allegati xogholijiet u ma nghatat ebda nformazzjoni dwar kif sehh l-allegat incident; li s-socjeta' esponenti qeghda minn issa taghmilha cara li qeghda tirrizerva li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri meta s-socjeta' attrici ticcara t-talba taghha; li s-socjeta' attrici ghandha ggib prova tal-prokura li allegatament ghandha tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) u ta' David Cilia; li huwa kontestat li s-socjeta' esponenti ghamlet xi xogholijiet ta' manutenzjoni tat-triq minghajr senjaletika adegwata; li s-socjeta' esponenti mhix responsabbli tal-allegat incident tal-vettura JBE 824 u tal-allegati danni, li l-allegati ammonti u danni mitluba huma ghal kollox kontestati

u jridu jigu pruvati; li l-allegat incidenti u danni u spejjez gew kawzati unikament bi htija tas-sewwieq tal-vettura u/jew bin-negligenza kontributorja tieghu/taghha u/jew bi htija ta' terzi; li bla pregudizzju ghal premess it-talbiet atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

A fol 50 xehed David Cilia li kien qed isuq l-vettur tal-ghamla Alfa Romeo JBE-824 fit-08 ta' Lulju, 2014 u kif kien ghaddew mit-triq quddiem il-Kunsill Lokali ta' Sant Pawl il-Bahar ghal xid-9:00pm kien dlam cappa u hass skoss gol-karozza u baqa' sejjer. Wara certu hin xeghlet il-bozza taz-zejt u waqfet il-magna. Mar lura biex jara x'gara u nduna li hareg iz-zejt u waqfet il-magna. Mar lura biex jara x'gara u sab li l-parti fejn hass l-iskoss skareferjaw it-triq biex jibdlu t-tarmac. Ma kienx hemm dwal jew sinjali u kull ma kien hemm kien sinjal b'bicca karta A4 'go slow' minghajr dwal. Huwa thallas mill-kumpanija attrici.

A fol 182 xehed in kontro ezami David Cilia spjega li fi triq kien hemm xi mitt pied tarmac qatghuh biex jergghu jittarmakjawh. Huwa waqa', nizel go fih u rega telghu u baqa' sejjer. Wara waqfet il-karozza u nduna li hargilha z-zejt. Huwa kien qieghed il-Mellieha fejn joqghod u kien familjari ma' dik ir-rotta. Dawl fit-toroq kien hemm izda dawl fejn qed isir ix-xogholijiet ma kienx hemm. Huwa kien ghaddej b'xi 40 kilometru speed u bid-dawl normali. Mistoqsi jekk jafx bic-cert t-t-tip ta' xogholijiet li kienu qed isiru fi Triq Cilia wiegeb li jaf zgur li huma qattghu t-tarmac wisa ta' nofs it-triq jigifieri jekk it-triq fiha tletin pied qattghu hmistax-il pied tan-naha tax-xellug n-naha minn Vecca ghal San Pawl. Li qattghu bejn wiehed u iehor xi mitt pied tul jew aktar jew anqas mhux cert izda zgur li qattghu fond biex jergghu jaghtuh surface gdid. Il-fond kien xi pied. Huwa mar l-ghada jaghmel rapport peress li meta gara l-incident gara tard bil-lejl u kien halla l-karozza s-Salina u cempel lil xi hadd jigi ghalih.

Xehed PC 1173 John Grech (fol 68) li pprezenta r-rapport tal-incident.

A fol 73 xehed Malcolm Bonnici surveyor li ghamel s-survey li l-valur tad-danni huwa ta' elfejn hames mija u sitta u disghin ewro (€2,596).

In kontro-ezami fol 189 Bonnici xehed li l-vettura raha u li l-inkarigu gie moghti lilu mill-kumpanija Argus. Hu spjega li l-magna kienet issizjata. Huwa mar jistartja l-karozza u l-

karozza ma startjatx ghax il-magna kienet imwahhla u wara li zarmaw xi affarijiet kkonfermaw li l-magna kienet issiszjata u trid tinbidel. Li gara kien li hareg iz-zejt u issiszjat il-magna. U dan jigri ghax l-karozza tkun habtet ma' xi haga. Bilfors li dan gara waqt li l-karozza kienet miexja.

A fol 195 fl-affidavit Josephine Dimech xehdet li hija Direttrici tas-socjeta' konvenuta u li l-kumpanija rebhet tender tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar biex jiehdu hsieb ix-xoghol ta' road maintenance u patching bejn is-26 ta' Frar, 2013 u l-25 ta' Frar, 2016. Huma kienu jircevu struzzjonijiet minghand il-Kunsill u jaghmlu x-xoghol skont dak li jghidulhom. Rigward l-incident tat-08 ta' Lulju, 2014 huma ma kienu semghu xejn u l-ittra ufficjali ma kienux jafu biha. Hija kkonfermat li kienu ghamlu xoghol ta' patching gewwa Triq San Pawl u li jista jkun li dawn saru bejn it-08 u 09 ta' Lulju, 2014 kif qed jghid David Cilia. Ix-xoghol jinvolvi li jqaxxru parti mit-triq cioe' jaqalghu t-triq u li jista jkun kif qal David Cilia li jkunu ghamlu wisa ta' nofs triq u u tul kemm ikun hemm bzonn u l-ghada jaghtuh l-hot asphalt. Waqt li t-triq tkun maqlugha u jkunu ghaddejjin ix-xogholjiet huma jaghmlu l-barriers u l-finali ghad-dawl u naghmlu signage minn 50 metru 'il boghod. Dawn iridu jaghmluhom skont il-ligi u li huma dejjem jaghmluhom ghax iridu jsiru u ma jridux jikkawzaw periklu. Meta murija ritratt li juri l-karta li tghid 'Go Slow' hija wiegbet li jista jkun li din kienet parti mis-senjaletika li ghamlu izda zgur li kien hemm aktar u dak is-sinjal kien ikun bid-dawl mieghu. Il-fond ma jkunx aktar minn erba' pulzieri meta jaqalghu t-triq. Hija tghid li ghandha tletin sena f'dan il-qasam u zgur li biex gratlu dik il-hsara David Cilia kien ghaddej bi speed. La d-daqqa hadha meta kien hiereg mill-hofra huwa kien jaf li kien hemm ix-xogholijiet. Is-socjeta' konvenuta ghalhekk mhix responsabbli ghal hsarat sofferti minn David Cilia.

A fol 86 xehdet Mariella Strout, Segretarju Esekuttiv San Pawl il-Bahar fil-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar, li kkonfermat li l-Kunsill kien qabbad kuntrattur biex jaghmel xogholijiet fuq it-toroq u kien responsabbli biex jaghmel il-marki u l-affarijiet necessarji biex jaghmel dan ix-xoghol. Hija kkonfermat li meta gara l-incident kien qed isir xoghol ta' manutenzjoni fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar.

A fol 202 Mariella Strout in kontro ezami xehdet li Triq San Pawl fejn gara l-incident hija triq traffikuza specjalment fis-sajf.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Semgha lill-partijiet jitrattaw il-kawza.

F'din il-kawza l-Kunsill konvenut jitfa l-htija tal-akkadut lil kuntrattur cioe' lis-socjeta' konvenuta stante li kienet hija responsabbli li taghmel is-sinjali fit-triq meta jkunu qed isiru x-xogholijiet.

Mill-banda l-ohra s-socjeta' konvenut tichad din ir-responsabilita' kemm ghax skont hi d-daqqa l-attur ma hadhiex meta nizel fil-hofra izda meta baqa' jsuq u telgha mill-hofra f'daqqa bi speed ta' 40 kilometru meta li speed limit huwa ta' 35 kilometru; li ma saret ebda prova li s-socjeta' attrici tirraprezenta lil Argos .

Dwar l-eccezzjoniji tas-socjeta' konvenuta rigward il-mandat li ghandha s-socjeta' attrici din tirrizulta minn fol 79 et tal-process u ghalhekk qed tigi michuda.

Dwar l-eccezzjoni li t-talba hija nulla ghax monca minn fatti attribwibbli lis-socjeta' konvenuta din qed tigi michuda kemm ghax dan huwa kaz quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar u ghalhekk mhux moghni bir-rigidita ta' Qrati u kemm ghaliex kif jirrizulta mill-affidavit tar-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta hija fehmet ezatt id-dinamika tal-incident u ghaldaqstant anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar il-mertu din hija kawza ghad-danni maghmila mill-atturi in segwitu ghal inciden t stradali fih l-attur waqt li kien ghaddej minn Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar fejn kienu qed isiru xogholijet ta' resurfacing u bil-lejl ghadda minn hofra li kkawzatlu hsara fil-vettura tieghu.

L-azzjoni esperita hi għalhekk dik ibbażata fuq il-Lex Aquilia, (44 Dig Del leg.aquil.IX 2), li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' *dolo,* jew il-kważi delitt, f'każ ta' c*olpa*, kif jippretendu li hu l-każ preżenti l-atturi (Art 1033 Kap 16)..

"Il-**Giorgi** jgħallem f'dan ir-rigward:

"*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu' ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico. Pero', si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare.*" **Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano ed. 1903 vol. II. # 18 p.32 - 33**

Il-Kunsill jikkontendi li l-htija hija tal-kuntrattur u mhux tieghu. Bir-rispett kollu t-Tribunal pero' ma jaqbilx ma' dan billi, billi jidher illi d-dottrina u l-gurisprudenza hija aktar inklinata li xorta waħda takkolji ħtija fuq entita` pubblika, f'cirkostanzi simili, minkejja illi tkun tefgħet l-obbligi konnessi ma' l-esekuzzjoni tal-kuntratt kollha fuq il-kuntrattur . Hekk insibu jigi mgħallem per eżempju illi:

"*When a person employs a contractor to do work in a place where the public are in the habit of passing, which work will, unless precautions are taken, cause damage to the public, an obligation is thrown upon the person who orders the work to be done to see that the necessary precautions are taken and that, if the necessary precautions are not taken, he cannot escape liability by seeking to throw the blame on the contractor*." 11 Charlesworth: On negligence (2-304) fejn jigi kkwotat Lord Justice A L Smith

"L-istess insibu l-Qorti tal-Cassazione fl-Italja tiddeciedi illi:

"*Chiunque opera a contatto della collettivita' deve adottare ogni possibile cautela al fine di evitare che il suo operato determini danno agli altri. Un appaltatore pertanto, che espliti lavori sulla strada, ha l'obblogo di accertarsi, prima dell'inizio dei suoi lavori, che l'Ente cui compete la manutenzione della strada abbia apposto le segnalazioni idonee ad avvertire i cittadini della preclusione al traffico su di essa durante il corso dei lavori, e nel caso che detto Ente non l'abbia fatto, ha l'autonomo dovere di provvedere in proprio alle segnalazioni non attuate dall'Ente."* 12 Cass. Civ. 6.8.65; kif riprodott minn Roberto Rovelli: "Responsabilita' Civili e Penali per gli Incidenti delle Strade.

“Ta' fehma simili jidher li huma l-Qrati tagħna meta adottaw il-principju illi:

"... *kien jinkombi b'dover fuq l-awtorita' pubblika, u dan jgħodd ukoll għall-enti pubblika, responsabbli minn certi xogħlijiet, illi tassikura li l-użu tat-triq u l-flow of traffic jigu żvolti mingħajr perikoli jew insidji. Dan bl-operat ta' dawk il-miżuri prekawzjonali li jħarsu l-inkolumita` ta' l-utenti jew tal-pedestrians li jkunu qed jagħmlu użu mit-triq. Hekk per eżempju billi tipprovdi guard rails, barriers u senjalazzjonijiet oħra adegwati. L-istess awtorita' jew entita' pubblika għandha wkoll id-dover li tħares, b'indukrar sufficjenti, illi fl-esekuzzjoni ta' xogħlijiet stradali, kuntratturi inkarigati jkunu qegħdin huma wkoll jieħdu l-miżuri protettivi għall-aħjar ħarsien tat-terzi. Jekk l- awtorita' jew entita' pubblika tonqos f'dan tista', u għandha, issib ruħha rinfaccjata minn domanda għar-riżarciment tad-danni, kif hekk inhu proprju l-każ in specje."* **Richard Fenech vs Rook Construction Limited et.: Prim'Awla: 3.10.2003;**

Mir-ritratti esebiti mis-sewwieq ukoll jirrizulta li kien hemm dlam cappa u li ghalhekk x-xhieda ta' Josephine Dimech li huma dejjem jaghmlu s-sinjali ta' dawl u li skont hi hekk sar ukoll dakinhar tal-incident ma hix qed tigi emnuta minn dan it-Tribunal.

Li ghaldaqstant iz-zewg konvenuti huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur noe et kwantu ghal nofs kull wiehed.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-attur noe et u jsib li l-konvenuti kienu t-tnejn responsabbli ghall-incidenti in kwistjoni u jordna lill-istess konvenuti jhallsu s-somma ta' elfejn hames mija u sitta u disghin ewro (€2,596) lill-attur noe kwantu ghal nofs tali ammont kull wiehed.

Spejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Marzu, 2016 a karigu tal-konvenuti kwantu ghal nofs kull wiehed.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**